IR-RABA' KTIEB
TAS-SITT SENA

DICEMBRU
1930

# IL-MALTI

QARI

LI TOĦROĠ

*IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

XFIH DAN IL-GĦADD

Għadna mexjin — Indiema (DUN KARM) — Il-Kalendarju għat-taqsim taż-żmien (T. Z.) — Ktieb ieħor tal-Qassis Dr. Ludoviku Mifsud Tommasi (DUN KARM) Tifsir il-kliem fil-Kotba Mqaddsa bil-Malti (SAJDUN) Bieżla u għaqlija (T. Z.) — Il-lsien Malti u l-Maltin (ALF. M. GALEA) — Il-"Floating Dock" (G. DARMANIN DEMAJO) — Is-snajja Maltin fl-ewwel snin ta' l-Ingliżi f'Malta (ĠUŻÈ GATT) — Il-Kalendarju l-ġdid internazzjonali (GEJTAN GRIXTI) — Il-ħolma ta' Żeżina (T. Z.) — *Biblijografija*

# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* IR-RABA' KTIEB TA' L-1930

## GĦADNA MEXJIN

Niżżu ħajr 'l Alla ! B'dan il-għadd ir-Rivista tagħna tagħlaq is-sitt sena ta' ħajjitha : għomor sabiħ għal rivista letterarja bil-malti, f'pajjiż ċkejken, fejn l-ebda oħra ta' suritha ma tawwlet qatt aktar minn sena jew tnejn.

Nafu li hawn x'jaqtagħlna qalbna. Il-bruda tal-ġens malti għal din ix-xejra ta' kitba, saħansitra f'dawk li jmisshom jagħirfu jduqu u jtihemu l-ħlewwa u l-benna ta' kelmitna, ma tfarraġniex; u meta tara ħerġin wieħed wara l-ieħor in-numri tar-Rivista, miktubin tajjeb, mimlijin b'tagħrif u bi ġrajja li jmissuna f'nisilna, f'pajjiżna, fi djarna, u ma tasallekx, ħlief fil-bogħod-il-bogħod, kelma ta' ħeġġa, kelma ta' għajnuna, tħossok waħdek, bħal min, fuq triqu, iħares ma' dwaru u ma jilmaħx ħlief xagħri. Iżda min-naħa l-oħra, il-fehma sħiħa, il-qawwa tar-rieda u s-sedqa fil-ħidma tal-ftit li ma naqsuna qatt, li ħadmulna dejjem materjal biex nimlew sabiħ kif jixraq it-tnejn-u-tletin faċċata ta' kull ktieb ta' "Il-Malti", u li jfittxu jdaħħlu oħrajn fil-ħidma fejjieda, dan, iva, iqawwilna qalbna biex ma niqfux, biex nigbru ħilitna u nagħmlu sidirna fit-telgħa, billi nafu li ma jasalx fuq il-quċċata ħlief min ma jħares qatt l-ura imħajjar min-niżla, u ma jwarrabx ħarstu minn fuq l-aħħar xifer tal-għolja.

Hemm xi ħaġa oħra li tqawwilna qalbna: u din il-ħaġa hi li l-bruda tal-kotra daqsxejn daqsxejn qegħda tonqos, u l-hawn u l-hinn tħoss l-ajru jiftel, u xi roqgħa xemx tinżel minn bejn is-sħab imqatta'. Iżjed minn wieħed li ma kienx jemmen fil-malti u ma kien fittex qatt li jagħraf x'isarraf u x'jiswa, imħajjar minn wieħed mill-imseħbin fil-*Għaqda*, ħa f'idejh ir-Rivista tagħna, fliha, fehemha, u l-lum ma jarax is-siegħa li jasallu l-aħħar ktieb ta' "Il-Malti" biex "jitgħaxxaq b'dik il-proża, xi drabi meqjusa u mimlija, xi drabi ħafifa u ġerrejja, li timla' kull għadd tar-Rivista, u jduq il-għasel tal-poeżija li żżejnu, li torqmu, li ssebbħu."

Imbagħad aħna nafu illi l-ġebla li fiha jgħidu li jitfixklu ħafna mill-qarrejja tal-malti hu *l-alfabett* tagħna; iżda nħossu wkoll illi dan l-alfabett, mibni fuq sisien tajba, imqiegħed mill-aħjar nies tas-sengħa mhux biss maltin iżda barranin ukoll, hu l-aħjar, l-isbaħ u l-eħfef li qatt tfassal għal-lsien tagħna: għaldaqshekk nobsru illi maż-żmien, meta tikber l-imħabba safja lejn il-lsien malti, għad jirtabu xi fehmiet, jitbiddlu xi xejriet ħżiena u jirbaħ il-għaqal u s-sewwa.

# INDIEMA

Bint il-Ħajr u bint is-sogħba,
xirfet demgħa minn għajnejh;
għalkemm taħraq daqs il-ġamar,
niżlet ħelwa fuq ħaddejh:

għaliex magħha minn fuq qalbu
ħass imur bħal toqol kbir,
ħsiebu ċċara f'bewst is-sliema,
safa' ħieles minn irsir.

17—10—30

**Dun Karm.**

# IL-KALENDARJU
# GĦAT-TAQSIM TAŻ-ŻMIEN

Meta l-bniedem beda jinġabar fuq artijiet tajba fejn jista' jrabbi l-bhejjem, jiżra', iħawwel u jaħżen biex ikollu x'jiekol mita l-uċuħ ma jatux aktar, ħaseb biex jara kif jagħraf sewwa mita jitbiddlu l-iżmna li jimxu wieħed wara l-ieħor, sħana, u bard, xita, u nixfa, żahar u xewk, aħdar u xagħtri. Il-Qamar kien l-ewwel li tâ xi ħjel tat-taqsim taż-żmien. Din il-kewkba sabiħa kienet tidher u tgħib bin-newba. Kull sebgħat ijem titbiddel. Mita l-qamar ikun mimli sewwa, f'sebgħat ijjem jonqos u jsir felli u f'sebgħat ijem oħra jisfa' fix-xejn. Jarġa' wara ġimgħa jidher bħal xiefer ta' minġel, isir felli sħiħ u wara ġimgħa oħra jimla donnu dulliegħa biex jarġa' jonqos u jintefa.

Fi tmienja u għoxrin jum il-qamar jagħmel bidla sħiħa. Għall-ewwel, naħseb, li kull tibdila sħiħa tal-qamar kienet tissejjaħ sena; biż-żmien, kien hemm min qassam is-sena f'ħamsa minn dawn ix-xhur u oħrajn qassmuha f'sitta.

Naqraw li xi Patrjarki għaxu mijiet ta' snin; trid tara is-sena tagħhom kemm kienet twila. Matusaleħ, naqraw li għax 969 sena, jekk dan kien igħodd is-snin, bi 28 jum, jiġi li għax 79 sena; Abram għax 175 sena, bis-sena ta' 5 xhur jiġi li għax 72 sena. Ġakobb għax 147, li jġibu 73 sena jekk is-sena kienet magħduda ta' sitt xhur.

Ħafna mill-Patrjarki kienu ragħajja li biex iżidu fil-merħlat tagħhom kienu sabu jgħammru l-bhejjem kull sitt xhur biex ma jintilefx żmien xejn wara li jferrgħu. B'hekk li mrieħel kienu dejjem jiżdiedu mill-aktar fis li jistgħu. It-taqsim tal-iżmna kien aktarx imfassal fuq il-qamar.

Minn għand il-Masrin Mosê tgħallem jimxi fuq it-taqsim tal-iżmna meħud minn fuq il-mixi tax-xemx.

Il-Masr (Eġittu) kien minn dejjem art li kull sena tfur bil-għallejjel. Art watja, in-naħa ta' fuq fejn tiġi tmiss mal-baħar ġewwieni (Mediterran), imsoqqija minn xmara, (Nil) mill-akbar li ġġor ilma u naqal, għal mijiet ta' mili u qabel ma tferraħ fil-baħar tinfirex, titqassam, tinteraħ bħal imrewħa u tixxerred fuq l-art li f'ħin wieħed tissaqqa u tiddemmel u kull ma jinżara fiha jinbet u jikber taħt il-qilla ta' xemx l-aktar safja li katt ma titgħatta u la bi sħab

u anqas b'ħajbur. Nafu li l-Masar kien il-matmura tal-qamħ għall-pajjiżi kollha tad-dawran.

Il-għorrief Masrin li sebbħu u għanew il-Masr b'kull xorta ta' bini u ta' ħwejjeġ mnaqqxa, misbugħa, maħduma bl-akbar deħen u l-akbar reqqa ħasbu mill-ewwel li l-art tagħhom tagħti dak kollu li tista' u għalhekk fittxew li jqassmu is-sena b'reqqa hekk kbira li jkunu jafu mita in-nies għandha tiżra u taħsad u tiġbor biex xejn ma jintilef. Tgħallmu wkoll kif timxi x-xmara, mita għandha tonqos u mita tiġi biex tistagħdar u tgħatti l-egħlieqi.

It-taqsim tal-iżmna il-Masrin ħaduh mill-mixi tax-xemx u m'hux minn dak tal-qamar.

Jekk wieħed igħasses fejn tinżel ix-xemx ma' tul is-sena, jintebaħ illi mat-22 ta' Diċembru ix-xemx tibda tgħib dejjem nitfa iżjed lejn il-lemin, nitfa nitfa, sa ma jasal is-sajf, u mal-21 ta' Ġunju tibda tarġa' tgħib fix-xefaq qajla qajla lejn ix-xellug sa ma jarġa' jasal Diċembru. Mela x-xemx tidher tieqaf fl-inżul tagħha darbtejn fis-sena (*sol-stiziu* bil-Latin) solstizju ta' Diċembru u solstizju ta' Ġunju.

Dan jagħmel li l-iqsar jum jaħbat f'Diċembru u l-itwal f'Ġunju. Fil-21 ta' Marzu il-jum ikun twil daqs il-lejl (*equinoziu* bil-latin) u x-xemx tinżel bejn fejn tgħib fis-sajf u fejn togħdos fix-xitwa.

Mela dat-twaqqif tax-xemx fis-solstizi tas-sajf u tax-xitwa juru it-taqsim tas-sena li il-Masrin irnexxielhom jitgħallmu li biex ix-xemx li titlaq mis-solstizju tas-sajf, tgħaddi għal dak tax-xitwa u tarġa' tiġi għal tagħha, minn mnejn telqet, trid 365 jum u ftit sigħat. Din tal ftit sigħat fuq it-365 jum ġiebet taħwid kbir li għadu sejjer sal-lum, għax kull erbgħa snin dawn il-ftit sigħat jagħmlu jum sħiħ.

Biex iqisu b'reqqa kbira it-tul tas-sena u it-taqsim tal-erbgħat iżmna, il-Masrin waqqfu bini li jitfa dell li kellu jitqies fil-ħin ta' nofs inhar ta' mita ix-xemx jkun f'nofs id-dawra tagħha. Wara ħafna taħbit, il-għorrief tagħhom ħasbu jwaqqfu bini donnu qartas li semmewh *aħram* u l-Griegi li ġew wara semmewh *piramida*.

Mela l-piramidi tal-Masar m'humiex ħlief arloġġi tax-xemx ta' reqqa kbira. Il-qiegħ imrabba ta' l-aħħar piramida fih mat-52 modd u l-erbgħat ixbar jiltaqgħu f'ponta għolja 484 pied minn wiċċ l-art. Kull wiċċ iħares lejn wieħed mill-erbgħat irieħ u għalhekk id-dellijet fl-erbgħat iżmna jistgħu jitqiesu bil-ħeffa u r-reqqa kollha.

L-ewwel tas-sena tal-Masrin kienet tgħodd mita il-lejl ikun daqs in-nhar. Li d-dawra tax-xemx kienet ta' 365 jum, id-dell tal-piramida f'nofs inhar tal-21 ta' Marzu ma kien ikun fiħ xejn, iżda billi għal erba' snin wara xulxin id-dell kienu jsibuh ta' minn pied sa erba' piedi sabu li s-sena kellha 365 jum u sitt sigħat u għalhekk kull erbgħa snin kien irid jiżdied jum sħiħ; li il-lum dik is-sena tissejjaħ *Bi-sestili* bil-Latin u *Leap year* bl-Ingliż.

Il-Masrin kienu sabu wkoll li id-dell tal-piramida l-kbira kien jintilef għal kollox kull 128 sena, mita x-xemx tgħaddi sew sew fuq il-meridjana tal-piramida l-kbira.

B'din ir-reqqa ta' qisien tal-iżmna il-Masrin kienu jiżirgħu fl-aħjar żmien biex jilħqu jkollhom żewġ għalejjel bil-qies, kollox fuq l-arloġġ biex ma jarraw qatt. U hekk il-biedja għaniethom u ġibdet fuqhom il-għejra tal-ġnus ta' ma' dwarhom.

Nafu li l-Assirja kienet dejjem idejha jikluha biex taħbat għal Masr u l-Abissinja min-naħa t'isfel għajnejha qatt ma qalgħathom mill-art fejn jispiċċa n-Nil.

Għalhekk dawk li kellhom il-ħakma tal-Masrin fittxew dejjem iżidu lil nieshom u jżommuhom fil-ġid. Mita ma kienx ikun hemm xogħol fir-raba' kien jinħtieġ li n-nies ma joqogħdux qagħad, għax il-għażż ma fiħx ħajr u jista' iġib il-għawġ. Mela n-nies kellha taħdem jiebes u għal żmien twil biex mita jiġi l-waqt ikun hemm min jilqa' l-għedewwa u jħares il-Masr.

Biex joħolqu x-xogħol għal kullħadd dawk tal-ħakma ħasbu li flok plieri jibnu bini kbir biex in-nies ikollha taħdem qawwi u għal żmien twil. Il-qtigħ tal-ħaġar, it-tkarkir tiegħu, l-inġara, it-tqegħid tal-piramdi u ta' bini ieħor dam sejjer is-snin il-kbar u l-pajjiż ma kellu qatt taħwid bejn niesu.

Ix-xogħol tal-piramdi ħaġa tal-għageb, ħaġar kbir, maqtugħ, mirgħuk, mieles bħaż-żġieġ, għal eluf tal-eluf ta' idejn kienu jinħtieġu u mijtet ta' snin. Tispiċċa waħda taqbad tinbena oħra b'akbar reqqa u b'għerf u għaqal miżjud. Il-bini l-qadim kienu jħalluh biex xi Fargħun jew xi wieħed mill-kbarat jindifen fiħ, deni ma kienx isir u min kien igħix biex juri ruħu kien iħossu jitfarraġ jaħseb li jiġi midfun taħt biċċa xogħol bħal dik.

Imbierka l-Masrin, li kienu jaħsbu kbir; waqt li l-art tagħhom imfawra bil-ġid, nieshom mimlja bix-xogħol u il-kbarat tagħhom meħdija bil-ġmiel ta' qabarhom. Għorrief il-Masrin ta' dari.

T. Z.

# KTIEB IEĦOR TAL-QASSIS
# Dr. LUDOVIKU MIFSUD TOMMASI

Isem maħżuż b'ittri sbieħ fl-istorja tal-Letteratura Maltija hu, bla tmerija, dak tal-qassis Dr. Dun Dovik Mifsud Tommasi; mhux għaliex bħala poëta jingħażel mill-oħrajn għal xi dehriet ta' kobor u ta' ġmiel barranin, jew għaliex fis-sura tal-kitba fetaħ xi triq ġdida, inkella għaliex fil-kliem li ħaddem u fil-versi li niseġ kien dejjem bla nuqqas ta' xejn jew bla nikta; le, imma għaliex hu kien wieħed mill-ewlenin li ħadmu din il-għamla ta' kitba, jigifieri l-poeżija, jew "tqabbil" kif isejħilha hu: u kiteb hekk bir-rfus fuq ħwejjeġ imqaddsa, illi l-lum ma hawnx ktieb ta' devozzjoni li ma fihx xi kurunelli minn tiegħu, u ma tismax xbejba mrobbija tajjeb li tmur il-knisja biex titlob u ma ttennix xi għanja devota jew xi tifħir lil Alla, minn dawk li hu kiteb f'dik is-sura.

Kull min ħabb u tgħallem xi daqsxejn l-istorja tal-kitba maltija, naħseb li qara l-"Innijiet Imqaddsa" ta' dan il-poëta nisrani, u qara wkoll jew sama xi kurunelli li jingħadu fil-għewwiedi kollha ma' tulek ja sena.

Jiena qatt ma ninsa kemm kienu daħluli f'qalbi, meta kont għadni tfajjel fl-iskola tal-Gvern, il-versi li bihom dan il-qassis għaref u tajjeb qaleb fil-Malti il-"Vexilla Regis"; u l-ewwel strofa għadha sal-lum tiġini fuq ilsieni, u ntenniha b'leħen imsamma', kull darba li niltaqa' ma' dak l-innu bil-latin:

"L-istandard tas-Sultan ħiereġ,
Bħala xemx jiddi s-salib,
Li mewt fuqu l-Ħajja ħadet,
Biex mill-mewt il-ħajja ġġib.

*

Ma ilux wisq ġiet f'idejja xhieda oħra li żżid, torqom u tkabbar l-isem ta' dan il-kittieb u poëta malti; u naħseb illi dawk kollha li jħobbu l-Isien ta' pajjiżna u dak li nkiteb bih fiż-żmien l-imgħoddi, jifirħu bl-aħbar ta' ktieb ieħor ta' dan il-qassis; ktieb illi, naħseb, kien imħejji għall-ħruġ, iżda li għal xi imma jew oħra baqa' bla ma ħareġ qatt.

Dan il-ktieb, f'dik is-sura li nħażż mn'idejn l-awtur, b'xi tibdil ta' versi jew ta' kliem li hu deherlu għandu jagħmel, (ħaġa li turi li kien jieħu wkoll ħsieb tas-sengħa) ġiè f'idejja mit-tjieba tas-Sur Ġużê Gatt, raġel għaqli li ħaffer bil-bosta fl-istorja moħbija ta' żmien il-Kavaljeri, u li għandu naska ta' nemes għal xi ktieb qadim fuq il-ġrajja ta' Malta.

Is-sura tal-ktieb għadha tajba biż-żejjed, u, għalkemm il-kitba ftit u xejn irqiqa, tista' b'nitfa tas-sabar tinqara kollha kemm hi: u, jidhirli, ikun għajb jekk xi ħadd ma jindaħalx biex jikseb dan il-manuskritt u jistampah.

Fil-qoxra ta' barra hemm miktub hekk: "Il-Can.Cap. Don Lodovico Mifsud Tommasi, 1879." Dan hu ħżuż ta' xi ħadd warrani, għaliex il-kitba ma taqbel xejn ma' tiegħu: u billi Don Dovik miet fit-22 ta' Ottubru tal-1879, għandu mn'ejn dawk il-ħżuż inkitbu bħala tifkira tal-mewt tiegħu.

F'wiċċ il-ktieb jinqara:

Il-Għana
tan-nisrani
miġbur f'dan il-Ktieb
tat-talb 'l Alla
ħedma
tas-Sac. Dr. Ludovicu Mifsud Tommasi.

u fil-faċċata ta' wara hemm il-ħatra tiegħu hekk:

Lil Ġesù
inkoronat bix-xewk
Alla u Bniedem
Sultan tas-Sema u l-art
u Sultan tad-duluri eċċ.

Bħala daħla, il-ktieb fih "Twissija" fejn l-awtur ifisser illi hu deherlu li għandu jikteb dak il-għana, jew devozzjonijiet f'sura ta' poeżija, għaliex kien jaf li dawn kien ilhom bil-bosta mixtieqa, u għaliex kien jaf ukoll illi, miktubin hekk, dawk id-devozzjonijiet jistgħu jingħoġbu iżjed u jinżammu aktar malajr fil-moħħ: u b'hekk, dawk li ma jafux ħlief bil-malti, isibu fihom għamla iżjed ħafifa biex jatu tifħir lil Alla, u jaqilgħu minn għandu l-ħniena u l-maħfra.

Minn din it-twissija kif ukoll mill-ħatra tal-ktieb jidher illi Dun Dovik kien, l-ewwel, qassis tajjeb u tar-ruħ, imbagħad, poëta.

Il-ktieb jiftaħ b'"Talba għal filgħodu," miktuba versi tat-tmienja, b'taqbil imbewwes, hekk:

Ja Mulejja ħoll'li lsieni,
  Biex infaħħrek sa minn kmieni;
Il-għajnuna lili newwel,
  U ma' qalbi rtabat l-ewwel.

Fih imbagħad talb ieħor, tifsir ta' salmi, għana għal waqt il-quddiesa, thejjija għall-qrar, thejjija għat-tqarbin, talbiet mill-missal għal-qabel it-tqarbin, ħajr għal wara, ir-rużarju ta' Sidtna Marija SS.—il-misteri kollha bil-litanija,—triq-is-salib (Via sagra), u faraġ lill-erwieħ tal-purgatorju għall-ġranet kollha tal-ġimgħa, li bih dan il-ktieb jagħlaq.

*

Il-versi li Mifsud Tommasi sawwar f'dan il-ktieb mhumiex ta' kejl wieħed. Il-biċċa l-kbira huma versi tat-tmienja bħal ma huma dawn li ġejjin, meħudin mid-"Daħla" għat-Thejjija għall-Qrar":

Dineb David u dnibt jiena,
  Maħfra lilu, Sinjur, tajt,
  Għax quddiemek sogħba kbira
  Dik is-siegħa f'qalbu rajt.

Maħfra bħalu nixtieq naqla,
  Għalhekk Int għallimni liema
  Ġewwa qalbi, l-hi muġugħa,
  Għandu jkolli kbira ndiema.

Iżda għandu versi tal-ħamsa mtennija, bħal ma huma dawn li ġejjin, meħuda mit-talba tal-isqof S. Ambroġ "Summe Sacerdos":

. . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .
Għall-kbira ħniena tiegħek, Mulejja,
  Agħmel li minni din it-tqarbina
  Issir bl-indafa li tiġbdek lejja;
  Minn kull moqżieża xewqa ħażina,
  Mill-ħsieb-il-fieraħ, mill-ħsieb tal-ħtija
  Eħlisli l-qalbi kollha kemm hija.

Anqas jonqsu versi tal-ħamsa weħidhom. Għal waqt it-tqarbin tas-sacerdot, wara l-kelmiet "Corpus Domini nostri J. C. ecc. għandu dawn il-versi :

Ġismek, Ġesù,
U d-demm minn tiegħek
Jiġborni l-Ġenna
Għal dejjem miegħek.

Saħansitra jinsabu xi versi tal-ħdax. It-talba "Sumptio Corporis tui etc." hekk iroddha bil-malti:

Oh Gesù tiegħi, deh din it-tqarbina
Li sejjer nagħmel jien, ma tistħoqqlix;
Li tisfa deni u ħsara minn ta' ruħi,
B'qalbi kollha nitolbok, la tħallix.

Agħmel iżda għall-ħniena kbira tiegħek,
Tal-ġisem u tar-ruħ b'saħħa twetini,
U biex il-Ġenna fejnek nista' nasal,
Tkun it-tidwija li l-fejqan tatini.

*

L-hawn u l-hinn il-ħsieb ta' dan il-kittieb jaħbat jogħla xi ftit, u inti tara bħala dawl ta' poeżija ileħħ minn qalb dik il-proża mqabbla; dawl li jurik illi x-xejra għal din is-sura ta' kitba ma kinetx tonqsu, u li hu ma ħallilniex poeżija isbaħ u aħjar, għaliex il-ħsieb tiegħu kien li jgħin lill-fqajrin fit-tjieba u mhux li jsaħħarhom bil-ġmiel fieragħ tal-kliem u bil-poeżija.

Biex nati xi ħjiel ċkejken ta' dan il-ktieb sejjer inġib xi qatgħet żgħar, meħudin minn hawn u minn hinn.

1. Talba inti u dieħel il-knisja:

"Din li fiha jiena dieħel
Id-Dar tiegħek, ja Mulejja;
Hawn nitolbok li tqaddisni,
U bil-ħniena tħares lejja.

Kull ħsieb fieragħ minni biegħed
Sabiex nidha kolni bik,
U kif ħajtek tajt għalija,
Ruħi u ġismi jien natik.

2. Wara l-quddiesa:

Ja Mulejja, niżżik ħajr,
Għala l-ħniena kbira tiegħek;
Agħder Inti l-bruda tiegħi,
U fejn s'issa nqast jien miegħek.

Deh! minn ħaqq din il-quddiesa,
Minn kull deni l-lum ħarisni;
Biex ingħożż il-ġid li rbaħt,
O Mulejja, deh qaddisni.

3. Mis-salm 83, "Quam Dilecta tabernacula tua" etc.

Fuq il-ġwienaħ minn tal-ħsieb
Jien għolejt minn din il-art,
U għal fejn l-għamara t'Alla
Din il-qalb tiegħi tajjart:

Alla sidi, bdejt ingħid,
Qalbi mgħaxxqa bil-ġmiel kbir
Minn tal-Ġenna, għamara tiegħek,
Biss għal fejnek trid ittir.

4. Mis-salm 84, "Benedixisti..."

Lill-Missier, bidu ta' kollox,
U li bidu ma għandux,
U lill-Iben, li hu iben
U fiż-żmien iċken ma hux;

Lill-Imħabba ta' bejniethom,
Li hu r-Ruħ minn tal-qdusija,
'L Alla wieħed, tliet persuni,
Natu dejjem kull foħrija. *

**Dun Karm.**

* Biex inħaf'fu l-qari lill-imsieħbin tagħna, il-qatgħet tal-poeżija meħudin mill-ktieb ta' Mifsud Tommasi, ġibnihom miktubin bl-alfabett u bl-ortografija tal-*Għaqda.*

# TIFSIR IL-KLIEM

# FIL-KOTBA MQADDSA BIL-MALTI

Wegħidt ftit ilu (ara KTIEB L-EŻODU, faċċ. v) li niġbor fi ktieb żgħir il-kliem kollu ta' tifsir wegħri li jinsab fil-Kotba Mqaddsa maqlubin bil-Malti minni. U żammejt kelmti, għax qbadt minnufih ix-xogħol f'idejja u naħseb li ma jdumx ma jkun mitmum. Hawn sa nati daqsxejn ta' ħjiel ta' dax-xogħol Fih ikun miġbur biss il-kliem tqil li jinsab fil-ħames kotba ta' Mosê. Għall-kotba l-oħra li jiġu wara, jekk jeħtieġ, issir ġabra oħra ta' kliem fi ktieb ieħor. Bħalma wieħed jara, kull kelma għandha wrajha t-tifsir li għandha fil-Kotba Mqaddsa, u mhux it-tifsir kollu li għandha jew jista' jkollha barra minn dawn il-Kotba. Fil-għażla tal-kliem żammejt kemm stajt it-triq tan-nofs, jigifieri, għażilt biss dak il-kliem li naħseb li hu ta' tfixkil lill-kotra tal-qarrejja. Jekk fl-aħħar inbagħad inkun wasalt biex nogħġob lil kullħadd, ma nafx, għalhekk sa nati hawnekk ħjiel żgħir ta' dan ix-xogħol biex kullħadd jista' jurini fehimtu sewwa fuq il-għażla tal-kliem, sewwa fuq it-taqsim tax-xogħol. [Taqsir ta' kliem: Ġen.=Ktieb il-Ġenesi; Eż.=Ktieb l-Eżodu; Lev.=Ktieb il-Levitku.]

ATAR, *sinjal li tħalli warajha ħaġa fil-mixi tagħha jew meta ma tibqâx fejn tkun. Fuq ataru,* Ġen. 13,3 *fuq il-passi tiegħu,* jigifieri *minn dik it-triq li kien għadda minnha qabel; atar il-kiwja,* Lev. 13,28 *is-sinjal li tħalli kiwja fuq il-ġisem;* ara wkoll Ġen. 30,30; 33,14; Lev. 13,23.

DEBAĦ, *qatel bhima jew tajra f'ġieh Alla; għamel sagrifiċċju lil Alla,* għax dari, fi żmien il-Ligi l-Qadima, is-sagrifiċċi kienu jsiru bil-qtil tal-bhejjem. Il-bniedem jew ħaqqu l-mewt talli dineb, jew, bħala qima lejn Alla, irid jatih l-egħżeż ħaġa li għandu, li hi ħajjtu. Iżda l-ħniena ta' Alla ma tridx li l-bniedem imut għal dnubietu, u l-bniedem ma għandu ebda jedd li jneħħi ħajjtu, anqas biex jati qima lil Alla. Għalhekk il-bniedem, flok il-ħajja tiegħu, kien jati lil Alla l-ħajja ta' bhima; kien joqtol bhima la darba ma kienx jista' joqtol lilu n-nifsu. F'Lev. 17,11 igħid Alla: *talli d-demm hu bir-ruħ, iġib il-maħfra,* jigi-

fieri: id-demm tal-bhejjem iġib il-maħfra għaliex hu l-ħajja tal-ġisem tal-bhima. DEBĦA hi *l-vittma tas-sagrifiċċju; il-bhima jew it-tajra maqtula f'ġieħ Alla.* Wara li tinqatel il-bhima, biċċa tinħaraq f'ġieħ Alla, biċċa jeħodha l-qassis għalih u għal niesu, u biċċa jeħodha min ikun ġieba għas-sagrifiċċju. Iżda xi drabi l-vittma tinħaraq kollha kemm hi, u jisimha *debħet il-ħruq*, Eż.20,24; Lev. 6,2; jew *debħa maħruqa*, Eż.18,12. (Sagrifiċċju bħal dan,li fih il-vittma tinħaraq kollha, igħidulu f'ilsna oħra *olokawstu*). Jekk is-sagrifiċċju jsir minn wieħed, li mhux miksur ma' Alla bid-dnub, jissejjaħ *debħet is-sliem* (debħa tas-sliem); jekk isir għall-maħfra ta' xi dnub, jissejjaħ *debħet il-ħtija;* jissejjaħ *debħet ir-radd* jekk il-ħâti, barra mid-dnub, ikollu jrodd lil għajru jew lil Alla. MIDBAĦ *fejn isir id-dbiħ; artâl.*

ĠEBEL, *għolja, muntanja. Aħrab lejn il-ġebel,* Ġen. 19,17 *aħrab lejn il-muntanja.* Dak li aħna ngħidulu*ġebel, ġebla* jitfisser bil-kelma *ħaġar, ħaġra.*

ĦIEB, iħib, *tâ bħala rigal; għamel ufferta ta' xi ħaġa lil Alla jew lill-bniedem.* Minn dal-verb ġejja l-kelma *mhiba* li tfisser *dak li wieħed jati; rigâl*, Ġen. 24,53; 25,6. Bosta drabi *mhiba* tfisser *dak li wieħed joffri bħala qima lil Alla,* Lev. 2,1 u sikwit

GĦARIB, għorba, *wieħed li jkun igħammar f'art mhix tiegħu,* Ġen. 12,10; 15,13; 19,9; *wieħed barrani li jkun igħammar mal-lhud bla ma jkun magħdud magħhom,* Eż. 12,19; 20,10; Lev. 16,29.

Minn dawn l-erba' kelmiet jista' wieħed jifhem kif bi-ħsiebni nsawwar dan in-nitfa ta' ktieb li jkun bħal *Dizjunarju* tal-kliem tqil li jinsab fil-ħames kotba ta' Mosê. Ma nafx meta jkun jista' joħroġ, iżda għall-bidu tas-sajf ikunu laħqu ħarġu ż-żewġ kotba ta' Mosê li għad baqa', u magħhom, jekk mhux qabel, naħseb li joħroġ id-*Dizjunarju.*

Sajdun.

# BIEŻLA U GĦAQLIJA

Is-sur Nin baqa' waħdu wara li rafa' mix-xogħol. Imdaħħal fiż-żmien, ried xi ħadd li jdur bih, iżommlu d-dar nadifa, isajjarlu xi ħaġa, bla ma jaqa' taħt idejn min jisolħu jew min irabbi jedd fuqu bħal ma jagħmlu l-barranin mita jidħlu man-nies, l-aktar ma' raġel waħdu. Mur sibha tifla sewwa bil-għaqal, moħħha biss fid-dar, li tista' titilqilha kollox f'idejha li m'hix imtajra għal barra, ta' fommha sieket, nadifa, tal-ġabra, tar-ruħ, hekk kieku ried waħda s-sur Nin, iżda mur iksibha xbejba bħal din; fula f'qargħa, il-lum ħaġa li mhux għalkemm tiltaqa' magħha, jekk iddur Malta bi ħġara. Wara li talla' u niżżel dal-ħsieb f'moħħu fetaħ qalbu mal-kappillan tar-raħal u talbu jsiblu tfajla li tgħodd għalih biex tieħu ħsiebu, hu kellu jħallasha tajjeb u wara mewtu jħallilha kemxa żgħira flus u kull ma kellu mill-għatba l-ġewwa.

Il-kappillan ma riedx għall-ewwel jindaħal għax ma xtaqx jarfa' ħaġa bħal din fuq dahru, imma bejn li kien jaf is-sur Nin b'raġel tar-ruħ u ta' kelmtu, u bejn ix-xewqa li jista' jagħmel nitfa gid fir-raħal, qallu li jaħsibha u jfittex jaqdih mill-aħjar li jista.'

—"Sur Nin," qallu l-kappillan xi ġimagħtejn wara, "jaħraqdin għax indħalt fil-għażla tal-qaddejja li trid, nistħi ngħid li għaddewli minn moħħi ix-xebbiet kollha tar-raħal u għadni ma sibtx waħda sew kif tridha int. Għax waħda tajba u bint it-tajjeb imma rieqda u bla ħeġġa, oħra sbejħa u rżina imma tħobb tiżżejjen wisq, oħra tajjba daqs il-ħobż imma ma tmiddx idejha fl-ilma mbierek, oħra moħħha fuq il-werqa, oħra tħobb tiġġerra donnha sabi, waħda mċajpra u oħra lsiena ta' tellerita, u waħda kif tridha int ma nafx."

—"Lè sur kappillan," qal is-sur Nin, "int fejn mort b'rasek ? Jien ma ridtx xi ġawhra, ridt tfajla li taqdini u għaqlija, u bint in-nies sewwa."

--"U iva sa hawn naslu, għandi tlieta f'moħħi, tfal ta' darhom u tat-tajjeb inġibhomlok u għażel waħda minnhom int. Sa hawn nasal. Jaqbel hekk" ?

—"Jaqbel ingħid, ma nafx kif naqbad inħallsek ta' dan kollu, nibqagħlek obligat għal għomri. Jiena nkun id-dar nhar il-Ħadd fil-għodu u għal kemm nagħtihom daqqa ta' għajn, għax, noqgħod fuqek għall-imġieba tagħhom, naħseb li naħtar l-aħjar waħda minnhom f'kemm ili ngħidlek. Ibgħatli karta ma' kull waħda u kliem xejn."

Is-sur Nin nhar il-Ħadd, wara l-kantata, intasab bilqegħda fil-kamra ta' quddiem it-taraġ jistenna lix-xebbiet li kellu jibgħatlu l-kappillan u minn fejn qagħad kien jara lil kull minn jidħol mill-bieb sas-setaħ. Fit-taraġ midd xkupa tal-lanzit u ħalla l-bieb imbexxaq.

Waslet l-ewwel waħda u ħabbtet qajla qajla.

– "Għaddi, ibqa' tielgħa."

Daħlet. Hija u tielgħa lemħet l-ixkupa u kemmxet xuftejha, ġibdet il-ġewwa kemm kemm id-dublett biex ma tmiss mal-lanżit u għaddiet la ġenbha. Qalet bejna u bejn ruħha: "Din x'għar-u-kasa hi xkupa fit-taraġ, mara bħali kellu bżonn is-sur Nin, mela ħwejjeġ bħal dawn joqogħdu fin-nofs ? " Daħlet fil-kamra ta' qoddiem is-setaħ, sellmet lis-sur Nin u qaltlu "Is-sur kappillan bagħatlek dil-karta.

—"Grazzi, selli għalih."

Hija u nieżla, biex ma tmissx mal-lanzit, għaddiet minnaħa tat-tarf l-ieħor tal-mikinsa.

Wara ftit ġiet it-tieni, tektket il-bieb u daħlet.

—"Għaddi ibqa' tielgħa."

Tat malajr daqqa ta' għajn lill inkwatri tat-taraġ, lejn il-qsari ta' fuq is-setaħ imma ma ratx l-ixkupa, tfixklet fiha u kienet għodda marret għal wiċċha "Dawn x'nies huma" ? huwa l-ixkupi hekk jintelku ? qalet fiha n-nfisha u baqgħet sejra il-fuq.

—"Sur Nin, Dun Anton bagħatlek din", u tatu l-karta.

—Selli għalih binti.

Hija u nieżla ħarset biċ-ċiera lejn l-imselħa u ħarġet.

—Ħabbat il-bieb u daħlet it-tielet waħda.

Malli ħabtet tielgħa lemħet l-ixkupa mitruħa f'nofs it-taraġ. Refgħetha u waqqfitha mall-ħajt "Din jista' jitfixkel xi ħadd fiha", qalet, inneħħuha min-nofs". U telgħet.

Is-sur Nin ħadilha il-karta minn idha u qallha: Binti selli għal Dun Anton u għidlu: Kollox sewwa, imbagħad inkellmu.

Fil-għaxija, wara l-għasar, fittxu u qallu: Għażilt lil l-aktar waħda għaqlija u bieżla li bgħattli, għid lil ommha li ġġibha għandi għada fil-għodu biex niftehmu. Baqa' sejjer miegħu id-dar, ħadu qatra u daħħnu sigarru u s-sur Nin fisser il-għażla x'kienet.

Daħak Dun Anton għax sab li ħabibu kien aktar sargu minnu u sa kemm dâm ir-raħal qatt ma sama' lis-sur Nin igħemgem mill-għażla li kien għamel.

T. Z.

# IL-LSIEN MALTI U L-MALTIN

Int sabiħa, Malta tagħna!
mhux għax malti nfaħħrek jien,
issemmik id-dinja kollha,
magħruf ġmielek kullimkien!

Hekk tibda l-għanja ta' Dr. G. A. Vassallo lil din l-art iż-żgħira tagħna: ifaħħarha għall-ikħal tas-sema tagħha, għax-xemx li ssaħħanha fis-sjuf bla ma xxawwatha u ma tibqax ma tittawlilha ta' kull jum imqar fil-qierañ tax-xtiewi, għal benna tal-għelejjel li trodd il-biedja, għall-insiġ ta' idejn uliedha mill-eqdem żmenijiet, għal fwiħa tal-ward u t-tjeba tal-għasel tagħha.

Ħaġa waħda ma semmiex fuqha, għad li qalilha *mbierka,* għaliex fi żmienu ma laħqux daħlu xi fehmiet li ma kellha xejn xi tridhom billi m'humiex ta' wetqa lil uliedha l-maltin fit-twemmin imqaddes tagħhom!

Art ta' medda żgħira l-gżejjer tagħna: art żgħira Alla jahielna, u magħha tana l-lsien għaliha mill-eqdem żmenijiet, biex nibqgħu dejjem inżommu ruħna mwarrbin mill-fehmiet ta' ġnus oħra li għamlu għaliha din Malta tagħna daqskemm sabiħa tgħodd għaliehom ħa' jlaħħqu max-xtajtiet l-oħra l-kbar tad-dinja fil-bejgħ u x-xiri u l-ħafna tħawtil iħor tagħhom; u għadhom sa żmien'na lkoll imxenqin għaliha.

Min kienu l-ewwel nies li għammru fiha?... Qallibt f'ħafna kotba sa qabel ma qbadt nikteb dawn l-erba' kelmiet: *Frammento Critico* ta' Dr. A. A. Caruana, *Malta Cananea* ta' Annibale Preca, *Il-Malti u l-Ilsna Semin* ta' Dr. Dun P. P. Saydon, *Sull'Origine della Lingua Maltese* ta' A. E. Caruana.... Qanagħnin, actarx, sa fejn stajt naqbad, ta' meta wlied Noê kotru u reġgħu għammru l-art wara l-Għarqa tad-dinja, u mbagħad tqassmu u nfirdu kif jissemma' fi Ktieb il-Ġênesi (X, 5) u xterdu u marru jgħammru artijiet oħra. Jekk kienu ġens ieħor li waslu hawn qbilhom jew le ma nafx; jekk ta' lsien semin qaribu jew le, ddakkru minnhom u mil-lsien tagħhom u l-qima tagħhom, tgħallmu x-xogħlijiet u s-snajja tagħhom, u għal mijiet ta' snin qagħdu għall-

ħakma tagħhom, billi l-ħuta l-kbira tibla' ż-żgħira; u baqgħet sejjra hekk għal sittax-il-mitt sena, sa daħlu n-nies ta' Ruma 216-il-sena qabel il-miġja ta' Kristu.

Iżda, meta San Pawl ra l-għarqa tiegħu u ta' sħabu fuq ir-rdumijiet tal-Mistra għal ħabta tal-ħarifa tas-sena 60 ta' wara l-miġja ta' Kristu, (1) sabhom lill-Maltin jitkellmu lsien barrani minn tar-Rumani. U mbagħad x'ħin rahom lill-Maltin iduru bih u bi sħabu u jqabbdu l-ħġejjeġ biex isaħħnuhom, faħħarhom mad-dinja kollha għall-ħniena tagħhom. U l-Maltin baqgħu dejjem iżommu mal-lsien tagħhom, bħalma żammew sħiħ mat-twemmin nisrani li għallimna San Pawl meta f'din l-art *imbierka* nissel żarġun minn ta' Ġebel Sijon, imsoqqi b'Demm Kristu, li ħabbar Danjel fuq l-erba' mitt sena qabel meta fisser lis-sultan Nabukodonosor il-ħolma li kellu mal-lejl (II. 35). U mbagħad, żmien bi żmien, daħlu fuqna l-Griegi, il-Misilmin, il-Konti Ruġġieru l-Aragoniżi sa Karlu l-V, li telaqna f'idejn l-Ordni l-25 ta' Marzu 1530, sa ġew fuqna l-Franċiżi, u rġajna fl-aħħar ħadna rajna f'idejna il-5 ta' Settembru 1800, u bqajna sa għażilna l-Ingliterra biex insiru ħaġa waħda magħha u għamilnih minn idejna t-30 ta' Mejju 1814 fil-ftehima ta' Pariġi. Imma, il-lsien malti, għall-ħniena ta' Alla, kien sombor għalina biex żammejna dejjem b'fehma waħda Insara u Maltin, bħalma wrew ruħhom misserijietna meta flimkien mal-Kavalieri rebħu u farrku is-setgħa tal-Misilmin it-8 ta' Settembru 1565 u b'hekk ukoll ħelsu l-Ewropa kollha min-Nofs-Qamar, l-aqwa għadu tagħha. U Alla ried jinqeda biha din id-daqxejn ta' art imbierka tagħna biex jissebbaħ l-Isem imqaddes tiegħu !

**Alf. M. Galea**

(1) Araw li kiteb Dun P. P. Saydon (fil-MALTI it-tielet sena, faċċ. 13) fuq "Jum il-Miġja ta' San Pawl f'Malta".

# IL-"FLOATING DOCK"

Ftit huma, fiż-żmien tagħna, li ma jafux x'inhu Floating Dock, jew b l-Isien tagħna "Baċin Igħum," għaliex iżomm f'wiċċ il-baħar, bħal dak li naraw, irmiġġat fil-Port il-Kbir taħt Kortin (il-lum Kordin). Dan il-Baċin mela jiswa biex fuqu jtellgħu fregati kbar, biex inaddfulhom u jiżbgħulhom iċ-ċan u jagħmlulhom xi tiswijiet.

Milux wisq, meta kienu jridu jagħmlu dan ix-xogħol, il-fregati u l-bastimenti kienu jiġu mdaħħlin f'xi Baċin maqtugħ fil-blat bħal ma għad fadal u għadhom jsiru; biss il-Floating Dock tista' tieħdu minn banda għall-oħra.

Dak il-Baċin li naraw fil-Port tagħna hu xogħol ġermaniż u ġie f'idejn l-Ingliżi bis-saħħa tat-Trattat ta' Versailles, wara l-aħħar gwerra li saret.

Bosta jaħsbu li din l-invenzjoni dehret fiż-żmien tagħna, iżda m'hux hekk, għax il-Baċin-Igħum kienu jafu bih malmitejn sena ilu. Ma kienx sewwa sewwa bħal dak li naraw il-lum, imma kien jaħdem fuq l-istess prinċipju, jiġifieri jiġi mgħaddas fil-baħar per mezz li jidħol l-ilma fil-vojt imħolli apposta u jitla' fil-wiċċ meta l-ilma jiġi mneħħi, il-lum bil-pompi ta' l-isteam u dari bil-pompi ta' l-idejn.

Fl-1750 fil-Port ta' Amsterdam kien hemm Floating Dock ta' l-injam, biex itellgħu f'wiċċ il-baħar xwieni u bastimenti, igħadduhom minn fuq blat fil-baħar taħt ftit xbar ilma, jew iresskuhom fix-xott biex isewwuhom jew inaddfulhom iċ-ċan. Nistgħu ngħidu mela li dan id-dock kien l-ewwel baċin igħum li nafu bih. Kienu isejħulu l-"ġemel"; xi kittieba jgħidu li semmewh hekk għas-saħħa li kellu biex iżomm il-bastiment f'wiċċ l-ilma; jien ngħid li laqqmuh ġemel għat-tkankil tiegħu, il-għaliex il-ġemel jinżel għarkobtejh fuq ir-ramel biex igħabbuh imbagħad iqum bit-tagħbija u hekk il-baċin, l-ewwel jiġi mgħaddas fil-baħar imbagħad jitla' mgħobbi b'xi bastiment fuqu.

Il-bidu, iżda, tal-baċin igħum insibuh fl-1688 meta ċertu mgħallem minn Amsterdam jismu Meeurres Meindertsz Baker, ħoloq żewġ kxaxen ta' l-injam li kellhom sura ta' bastiment u bihom kienu jerfgħu bastimenti żgħar imsejjħin nofs xini (Demigalère).

Dawn il-kxaxen kienu jiġu mimlija bl-ilma, imgħaddsin fil-baħar u mdaħħlin u marbutin taħt iċ-ċan tal-bastiment, imbagħad jiġu mbattla mill-ilma bil-pompi u jitilgħu fil-wiċċ bil-bastiment b'kollox. Wara żmien dawn il-kxaxen bdew isiru għamla ta' ħitan dritti min-naħa ta' barra u min-naħa ta' ġewwa b'sura mqawsa bħal ma naraw fl-istampa li hawnekk ġibna.

Ġewwa, kienu moħfija u mqassmin f'kumpartimenti b'mod li kienu jistgħu jimlewhom u jisvojtawhom wieħed wieħed minn ġewwa tubi jew kanali, li jistgħu jintgħalku b'ċerti tappijiet imsejħin tampuni, kif jidher fl-istampa mmarkat numru 4.

Fuq, fil-wiċċ ta' kull kaxxun kien fihom pompi jixbħu lill-dawk li kienu jużaw fuq il-bastimenti tal-qlugħ, taż-żmien l-imgħoddi (numru 3). B'dawn il-pompi il-kumpartimenti kienu jiġu żvojtati mill-ilma b'mod li ż-żewġ ħitan jibqgħu miżmumin fl-istess għoli, u bi ktajjen u ħbula mgħoddija minn ġewwa tokob imħaffra għal tapposta, dawn iż-żewġ kxaxen kienu jiġu mgħakkdin (numru 6 u 7) għalhekk meta l-bastiment kien jiġi maqtuh mill-ilma u jistriħ fuq il-ktajjen, u l-ħbula u l-kxaxen irossu fuqu, u hekk ġemel u l-bastiment jiġu rmunkati min dgħajjes jew barkazzi, bħalli kieku ħaġa waħda. Fuq il-wiċċ ta' quddiem ta'kull wieħed minn dawn il-kxaxen kien fih maħżuża skala tal-qisien sabiex fuqha l-imgħallmin kienu jistgħu jkunu jafu kemm għandhom igħaddsuh skond il-pixka tal-bastiment.

Il-kittieb Giustiniani fil-ġrajja ta' Venezja, minnu miktuba, igħid li l-ewwel invenzjoni tal-ġemel sabha Bartolomeo del Campo, kostruttur ta' l-opri tal-baħar fit-tarzna ta' Venezja, meta l-karrakka ta' dik ir-Repubblika arrat min fuq ir-rmiġ tagħha, waqt taqlıba tat-temp, baqgħet sejra mar-riħ u tgħadset fil-ħama. Del Campo ħoloq bħal żewġ kxaxen kbar, twal 50 kubtu u wiesgħa 15 biex bihom jaqtagħha mill-ħama. Kull kubtu Ruman kien jiswa 17.74 pulzier tal-lum.

Dan il-kittieb ma jgħidx kif kien jaħdem l-apparat ta' Del Campo, biss igħidilna li l-karrakka ma salvawhiex.

Patri Faurnier f'biċċa xogħol li kiteb fl-1663, jismu "Hidrografia" isemmi wkoll li fil-kas li ssir xi ħsara fl-opri tal-baħar kienet tista' tingħata għajnuna per mezz ta' erbgħa kxaxen ta' l-injam. Dawn kienu jiġu marbuta wieħed f'kull ġenb, wieħed fil-poppa u l-ieħor fil-pruwa, wara li jkunu mgħaddsa per mezz

ta' ankri u ktajjen ġo fihom. Meta jneħħilhom dan it-tokol kienu jtellgħu l-opra fil-wiċċ. Fl-1813 ir-Russi kellhom ukoll il-ġemel biex bih igħaddu x-xwieni u l-iġfien li jvaraw mit-tarzna tal-Belt ta' Canstadt minn fuq l-iskoll ta' Neva li kien taħt ftit xbar ilma.

Ġejna nafu minn ġurnal ingliż jismu "The Mariner's Review" maħruġ fix-xahar ta' Ottubru ta' 1925, li fl-1745 il-Kunsill tal-Baħar għarraf lill-Ammiraljat Ingliż, fuq ċerta invenzjoni ta' Dock igħum, li għalihom kienet l-ewwel darba li semgħu biha, magħmula minn ċertu kaptan Morke, li resak quddiem dan il-Kunsill u ġieb mudell ta' Baċin, li biex isir, skond ma kienu jifhmu huma, kienu iridu £10,000. Huma ħasbu li din il-biċċa xogħol ma setgħetx issir hekk qawwija biex iżżomm is-saħħa tal-baħar minn barra u minn ġewwa t-toqol tal-bastiment, għalhekk ma sar xejn; biss minn dan li għedna naraw li hu tassew kif igħid il-proverbju latin li ma hawn xejn ġdid taħt il-kappa tax-xemx.

G. Darmanin Demajo.

# *IS-SENA T-TAJBA LILL-QARREJJA TAL-"MALTI" 1931*



IL-"FLOATING DOCK" FIL-PORT TA' MALTA




SURA QADIMA TAL-BACIN IGHUM

# IS-SNAJJA' MALTIN FL-EWWEL SNIN TA' L-INGLIŻI F'MALTA

Dari, kull Sengħa li għandna f'Malta, kellha l-Għaqda tagħha. In-nies tas-Snajja' kienu jagħżlu Qaddis, u, taħt il-protezzjoni tiegħu, kienu jwaqqfu Fratellanza u jatuha ismu. Ingħidu aħna, il-Mastrudaxxi ħatru lil San Ġużepp, l-Iskrapan lil San Krispin u San Krispinjanu, u hekk għamlu tas-Snajja' l-oħra.

Bħan-nies tas-Snajja', għamlu ukoll dawk in-nies l-oħra li x-xogħol tagħhom hu bħal Sengħa, ingħidu aħna bħal tal-Ħwienet u s-Sajjieda. Ta' l-ewwel għażlu lil San Martin bħala Protettur tagħhom, u s-Sajjieda lil Sant'Andrija.

Il-ħsieb tan-nies tas-Snajja' li għamlu dawn il Għaqdiet kien biex igħinu lil xulxin u lil nieshom fil-mard, fil-faqar u fi ħwejjeġ tar-ruħ; u biex kull ħaġa li tinħadem issir sewwa u tkun ta' ġieħ għas-Sengħa, ħalli b'hekk jispiċċa dak il-qawl li jgħid li "kull min żebaħ wiċċu sar ħaddied".

Il-Fratellanzi tas-Snajja' kienu sew fl-Ibliet, kemm ukoll fir-Rabat ta' l-Imdina. Iżda mhux biss tar-Rabat ma kellhomx x'jaqsmu ma ta' l-Ibliet, imma wkoll meta fl-Ibliet kienu jaħbtu żewġ Fratellanzi ta' l-istess Sengħa ma kenux jaħmlu li waħda tindaħal fis-setgħa ta' l-oħra.

Id-drawwa tal-Fratellanzi min-nies tas-Snajja' kienet ilha fi Gżiritna mijiet ta' snin qabel ma ġibna l-Ingliżi f'Artna. Iżda l-ħsieb tagħna hu, li nitħaddtu biss fuq xi ħwejjeġ li saru fl-ewwel snin tal-Ħakma Ngliża f'Malta,ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu mas-Snajja' Maltin.

In-nies ta' Sengħa kienu jaħtru wieħed jew tnejn minn fosthom u jagħmluhom Konslijiet. Iżda m'hux il-Fratellanzi kollha kienu jagħżlu l-Konslijiet tagħhom għal żmien xorta. Xi wħud kienu jagħżluh għal sena u oħrajn għal sentejn. Terġa', xi drabi, kienu jagħżlu xi wieħed biex jibqa' Konslu għal għomru.

Meta wieħed kien jiġi maħtur b'Konslu, il-Fratellanza tiegħu kienet tagħmel petizzjoni lill-Gvernatur(1)biex iwettqu

(1) Dawk li kienu jaħkmu fuq Artna, fl-ewwel snin ta' l-Ingliżi f'Malta, semmejnihom Gvernaturi, għalkemm għad ma kienux magħrufa b'dana l-isem, (ta' Gvernaturi). Dana għamilnieh, biex wieħed jeħles aktar ħafif u iżjed jiftiehem.

f'dan il-post. Il-Gvernatur kien jibgħat il-petizzjoni lill-Imħallef tal-Kriminal biex dan jifli u jara jekk dak li ġie maħtur ikunx jistħoqqlu, jew lè, li jiġi magħruf bħala Konslu. Imbagħad, fuq li tgħid il-Qorti, il-Gvernatur joħroġ id-Digriet.

Kull ħaġa li kienet tiġri hawn Malta u fiha trid tidħol ilperizja, il-Korti kienet issejjaħ lil dawn il-Konslijiet, biex jagħmluha ta' Periti huma f'dawk il-ħwejjeġ li kellhom x'jaqsmu mas-Sengħa tagħhom.

Għal Malta biss kien hawn żewġ Qrati. Waħda l-Belt u l-oħra l-Imdina. Meta l-ħaġa tkun ġrat fl-Ibliet, il-Korti tal-Belt issejjaħ wieħed mill-Konslijiet ta' l-Ibliet; iżda meta l-biċċa tiġri fl-Irħula, il-Qorti ta' l-Imdina ssejjaħ il-Konslu tal-Fratellanza tar-Rabat.

Biex wieħed ħaddiem f'xi Sengħa kien irid isir Imgħallem, barra milli qabel kien irid jaħdem u jitgħallem ma' xi Mgħallem għal xi żmien, kien ukoll ikollu jagħmel l-eżami għand il-Konslu tas-Sengħa tiegħu.

Meta l-Konslu kien igħaddi lil xi ħadd biex isir Imgħallem, kien igħarraf lill-Qorti, taħt ġurament, li lil dak li għadda, fl-eżami li għamillu, sabu li hu jaħdem tajjeb u jinqala' sewwa fis-Sengħa li tagħha jrid isir Imgħallem. Wara, il-Qorti tatih is-setgħa li jkun jista' jiftaħ ħanut u jaħdem għal rasu.

Kull min igħaddi mill-eżami u jsir Imgħallem, kien iħallas xi ħaġa żgħira tal-flus li tmur għall-ħtieġa tal-Fratellanza tiegħu. Imbagħad, barra minn hekk, kien jibqa' joħroġ xi ħaġa żgħira oħra kull sena għall-Għaqda tiegħu.

Biex wieħed kien jaqla' s-setgħa li jiftaħ ħanut tax-xorb, sew fl-Ibliet kemm ukoll fl-Irħula ta' Malta, barra milli kien irid ikun kuntent bis-supplikant l-Imħallef tal-Kriminal u l-Gran Viskont (1), kien irid iħallas skud, għal darba biss.

Il-Gvern, tal-permess, ma kien jieħu xejn. Għalhekk, l-iskud kien imur għall-Artal ta' San Martin li jinsab fil-knisja ta' San Pawl tal-Belt.

Xi drabi, f'xi Snajja', jaħdmu n-nisa wkoll. Fuq hekk, bħal ma l-Ħajjata rġiel kellhom il-Konslu tagħhom, hekk

(1) Il-Gran Viskont kien il-Kap tal-Pulizija ta' dari. Fil-bidu ta' l-Ingliżi f'Malta, Gran Viskont kien Stiefnu Maistre. Kien ilu Gran Viskont mill-24 ta' April ta' l-1767. Laħaq f'dana l-impieg wara l-mewt tal-Gran Viskont Ġann Duminik d'Anastasio. Stiefnu Maistre dam Gran Viskont sal-bidu ta' l-1803. Warajh, fl-1804, Gran Viskont sar Manwel Morello, li dam sal-1818. Imbagħad laħaq Toni Imbroll. Dan miet fl-1831. Warajh sar Lwigi Vassallo, li miet fl-1832. Bil-mewt ta' Vassallo spiċċa l-isem ta' Gran Viskont mill-Korp tal-Pulizija, għax il-Gvern ma għamel lil ħadd iżjed b'dana l-isem (ta' Gran Viskont).

ukoll il-Ħajjata nisa kellhom il-Konslu għalihom. Dan ma kienx jinagħżel minn fost in-nisa, imma kien jinħatar minn fost l-Imgħallmin Ħajjata rġiel, fil-ħin li n-nisa ma kienu jieħdu l-ebda sehem fil-għażla tal-Konslu tagħhom.

Fit-28 ta' Novembru 1811, bħala Konslu tal-Ħajjata nisa ġie magħżul Ċensu Pavia. Iżda billi dana miet fit-13 ta' Novembru 1812, fl-10 ta' Diċembru, li ġie wara, saret Konsulta Generali biex jinħatar Konslu ieħor.

Il-Konsulta saret mill-Fratellanza ta' Sant'Omobonu, li kienet imwaqqfa fil-Knisja ta' San Pawl tal-Belt. Il-Fratelli Mgħallmin Ħajjata, wara li Anġlu Cruci, il-Prim Konslu tagħhom, bagħat igħarrafhom ma' l-Ammonitur Salvu Mifsud, iltaqgħu fl-Oratorju tal-Madonna tal-Karità. F'dil-laqgħa kien jippresiedi l-Kanonku Ġużê Mirabella, bħala Deputat tal-Kapitlu ta' San Pawl. Wara li l-Konslu Cruci qal x'jinħtieġ isir, l-Imgħallmin Fratelli kollha, mingħajr votazzjoni ta' xejn, għażlu lill-Imgħallem Ġużê Micallef biex ikun Konslu tal-Ħajjata nisa.

Fil-laqgħa li saret ġie mgħarraf ukoll, li din il-għażla ma saritx biss għaż-żmien li kien fadallu jagħmel il-mejjet Pavia, imma saret ukoll biex Micallef, wara, jissokta jagħmila ta' Konslu għal sentejn oħra, kif kienu jgħidu l-Istatuti u r-Regulamenti ta' din il-Fratellanza.

Għal din il-ħatra, Ġużê Micallef għamel petizzjoni lill-Gvernatur biex jiġi magħruf u mwettaq minnu bħala Konslu. Il-Gvernatur bagħat il-petizzjoni lill-Imħallef tal-Kriminal. Il-Qorti wara li rat u fliet sewwa l-biċċa, għarrfet lill-Gvernatur, fil-5 ta' Jannar 1813, li Micallef hu raġel sewwa u l-għażla tiegħu ġiet magħmulha bħal ma kienu jgħidu r-Regulamenti. Għaldaqstant talbet lill-Gvernatur biex Micallef jiġi mwettaq bħala Konslu, hekk sar.

Kif rajna fil-ħatra tal-Konslu Micallef, il-Fratellanza ta' Sant'Omobonu kellha wkoll il-Ħajjata nisa taħt il-ħsieb tagħha. B'dana kollu, ma nafux jekk dawn in-nisa kenux jieħdu sehem, bħal l-Imgħallmin Ħajjata rġiel, fil-proċessjonijiet li fihom kienet tkun l-imsemmija Fratellanza.

Sa fejn nafu aħna, in-nisa kienu jieħdu sehem fil-Proċessjoni biss tal-Ġimgħa l-Kbira tal-Belt. Dawn kien ikollhom xi wegħda u jilbsu ta' Fratelli, kienu jgħidulhom *Battiti*. Mill-proċessjoni tal-Belt inqatgħu ma' dwar sittin sena ilu. Mill-istess proċessjoni nqatgħu bosta ħwejjeġ oħra.

Bħal ma fil-Belt kien hawn Fratellanza ta' Sant'Omobonu għall-Ħajjata tal-Belt u l-Furjana, hekk ukoll il-Ħajjata tal-Birgu, Bormla u l-Isla, kellhom Fratellanza oħra ta' Sant'O-

mobonu għalihom. Din kienet imwaqqfa fil-Knisja ta' San Lawrenz tal-Birgu.

Kull Fratellanza kellha l-Konslijiet għaliha. Dawn ma kellhomx x'jaqsmu ma' xulxin : kullħadd merqtu u ftietu. Għalhekk ma kenux jaħmlu li waħda tindaħal fil-ħwejjeġ ta' l-oħra, billi kienu għajjurin ħafna għas-setgħa li kellhom.

Meta wieħed kien irid isir Imgħallem u jiftaħ ħanut, iżda jaħbat li dan ikun qigħed jaħdem ma' Mgħallem li jinzerta qigħed jagħmilha ta' Konslu, il-Qorti ma kenitx toqgħod fuq l-eżami li jagħmel dan il-Konslu, kif ser nuru.

Fl-1804, l-Imgħallem Ħajjat Nettu Cristoforo, bħala Prokuratur tal-Kumpanija ta' Sant'Omobonu tal-Birgu, Bormla u l-Isla, għamel petizzjoni lill-Gvernatur. Fiha għarraf, li l-Ħajjat Ċensu Adamo, ma' dwar tliet xhur ilu, għamel rikors lill-Gvernatur biex jaqla' Digriet li jiftaħ ħanut ta' Ħajjat. Dana Adamo għadda mill-eżami li għamillu l-Konslu tal-Birgu, billi sabu li kien tajjeb u jinqala' sewwa biex jagħmilha ta' Mgħallem Ħajjat. Iżda l-Imħallef tal-Kriminal ma riedtx igħid lill-Gvernatur biex jati s-setgħa lil Adamo li jiftaħ ħanut, imħabba li l-Konslu li eżaminah inzerta li kien l-istess Imgħallem ta' Adamo. Imħabba f'hekk, il-Qorti qatgħet, li Adamo ma kellux jiġi eżaminat mill-Konslu tal-Birgu, iżda mill-Konslu tal-Belt.

Għal din il-biċċa, l-imsemmi Nettu Cristoforo, bħala Konslu tat-tliit Ibliet u bħala Prokuratur tal-Fratellanza ta' Sant'Omobonu, fil-petizzjoni li għamel lill-Gvernatur, fl-isem tiegħu u ta' sħabu kollha, qal, li kemm-il-darba Konslu tal-Belt, li jagħmel ma' Fratellanza oħra li ma kellhiex x'taqsam ma' dik tal-Birgu, jeżamina wieħed li jrid jiftaħ ħanut fid-Distrett tagħha (fit-tlitt Ibliet), kienet tkun ta' bosta deni u ħsara għall-Fratellanza tal-Birgu. Għalhekk Cristoforo talab, biex il-Gvernatur ikun ħanin li jġiegħel li Adamo jiġi eżaminat minn xi wieħed mill-Imgħallmin Ħajjata tal-Fratellanza tal-Birgu, kemm-il-darba ma kienx irid jagħżel lis-Segretarju ta' l-istess Kumpanija.

Il-Gvernatur, fit-23 ta' Marzu 1804, bagħat il-petizzjoni ta' Cristoforo lil Qorti biex tara l-biċċa hi. X'qatgħet il-Qorti ma ġiex f'idejna; iżda aktarx li ġie magħżul xi wieħed mill-Fratellanza tal-Birgu,imħabba r-raġunijiet li ta' l-Konslu tat-tlitt Ibliet.

Għalkemm dari wieħed kien jinqala' u jkun ta'ħila kbira fis-Sengħa li jkollu, jekk ma jkunx ta' drawwiet tajba, il-Għaqda tas-Sengħa tiegħu ma kenitx tkun trid iddaħħlu magħha bħala Mgħallem, kif jidher minn dan li ser ingħidu.

Fl-1810, wieħed Ħaddiem Skarpan, jismu Toni Micallef, għamel petizzjoni lill-Gvernatur. Fiha talab, li, biex igħix, jixtieq jiftaħ ħanut f'waħda mill-erbat Ibliet, ħalli fih jaħdem is-Sengħa tiegħu ta' Skarpan, bħala Mgħallem. Barra minn hekk talab ukoll, li jkun jista' jixtri u jbiegħ, fil-ħanut tiegħu, dawk il-ħwejjeġ kollha li kienu meħtieġa għal din is-Sengħa.

Il-Gvernatur, fis-17 ta' Jannar 1810, bagħat il-petizzjoni ta' Micallef lill-Qorti, biex l-Imħallef tal-Kriminal isejjaħ lill-Konslu ta' l-Iskrapan u jara dan xi jgħid.

Malli l-Imgħallmin Skrapan semgħu li Toni Micallef ried isir Imgħallem biex jidħol fil-Fratellanza tagħhom, għamlu Konsulta Generali fl-Oratorju tal-Madonna tal-Karità li jinsab fil-Knisja ta' San Pawl tal-Belt. Fiha ħadu sehem il-Kanonku Deputat, il-Konslu ta' l-Iskrapan ta' l-Ibliet u ma' dwar 30 Imgħallmin Skrapan. F'din il-Konsulta, li ġiet magħmulha fl-4 ta' Lulju 1810, ġie maqtugħ, b'vot ta' 25 ruħ, li Toni Micallef ma kellux jiġi mdaħħal magħhom b'Imgħallem, fuq li minnhom kien miżmum bħala wieħed li jħobb jisker, ġelliedi u ta' min jibża' minnu.

Fis-6 ta' Lulju 1810, il-Qorti sejħet lil Salvu Danza, li kien il-Konslu ta' l-Iskrapan fis-sena li semmejna, u tatu l-ġurament biex jixhed fuq Toni Micallef. Danza qal, li eżamina lil Micallef u sabu li kien tajjeb u jinqala' ħafna biex jagħmilha ta' Mgħallem Skarpan. Iżda billi dana Micallef kien dejjem fis-sakra, ta' qattagħni u għalhekk ma jagħmilx ix-xogħol sewwa, l-Imgħallmin Skrapan qatgħu li ma jridux idaħħluh magħhom. Jekk Micallef jiġi mgħoddi b'Imgħallem, kien ikollu s-setgħa li jieħu sehem fil-proċessjonijiet, fil-Konsulti u f'dawk l-għemejjel tal-ħniena kollha li kienet imdorrija tagħmel il-Fratellanza ta' San Krispin u San Krispinjanu. Fuq hekk l-Imgħallmin Skrapan ma riduhx, għax Micallef, bid-drawwiet ħżiena tiegħu, kien inaqqas mill-ġiegħ lill-imsemmija Fratellanza ta' l-Iskrapan. Għaldaqstant Danza talab, fl-isem tiegħu u ta' sħabu, biex lil Micallef ma jatuhx setgħa li jiftaħ ħanut.

Il-Qorti għarrfet b'kollox lill-Gvernatur. Dan sama' t-talba ta' l-Iskarpan, u Micallef baqa' u ma sarx Imgħallem.

**Ġużè Gatt.**

# IL-KALENDARJU L-ĠDID INTERNAZZJONALI

*(Jissokta ma' ta' qabel)*

| MEJJU (31 Jum). | | | MEJJU (jissokta) |
|---|---|---|---|
| 1 S. Filippu u S.Ġakbu App. | Tnejn | 9 | SS. Filippu u Ġakbu App. |
| 2 S. Atanasju, Isqof u D. | Tlieta | 10 | |
| 3 Is-Salib Imqaddes | Erbgħa | 11 | Is-Salib Imqaddes |
| 4 | Ħamis | 12 | |
| 5 S. Piju V. Papa | Ġimgħa | 13 | |
| 6 S. Ġwann Demaxxenu | Sibt | 14 | |
| 7 III Fuq il-Għid | Ħadd | 15 | IV Fuq il-Għid |
| 8 Il-Madonna ta' Pompej | Tnejn | 16 | |
| 9 S. Gregor Nazjanżenu | Tlieta | 17 | |
| 10 S. Antoninu, Isqof | Erbgħa | 18 | |
| 11 Sta. Domitilla V. u M. | Ħamis | 19 | |
| 12 San Filep. | Ġimgħa | 20 | San Filep. |
| 13 S. Ġwann is-Selenzarju | Sibt | 21 | |
| 14 IV Fuq il-Għid | Ħadd | 22 | V Fuq il-Għid |
| 15 S. Ġwann B. de la Salle | Tnejn | 23 | |
| 16 S. Ġwann Nepomicenu | Tlieta | 24 | |
| 17 S. Baskal Baylon | Erbgħa | 25 | |
| 18 S. Feliċ ta' Kantalice | Ħamis | 26 | Tlugħ fis-Sema ta' S.Ġ.K. |
| 19 S. Pietru Celestinu, Papa | Ġimgħa | 27 | |
| 20 S. Bernardina ta' Siena | Sibt | 28 | |
| | | | ĠUNJU |
| 21 V fuq il-Għid | Ħadd | 1 | Fost il-Ottava ta' Labsi |
| 22 Sta. Rita ta' Cascia | Tnejn | 2 | |
| 23 S. Xmun Stock, Karm : | Tlieta | 3 | |
| 24 S. Vinċenz ta' Lerins | Erbgħa | 4 | San Vincenz ta' Lerins |
| 25 Tlugħ fis-sema ta' S.G.K. | Ħamis | 5 | S. Girgor VII.Papa |
| 26 S. Filippu Neri | Ġimgħa | 6 | |
| 27 S. Beda, Duttur tal-Kn. | Sibt | 7 | |
| 28 fost l-Ottava ta' Labsi | Ħadd | 8 | Għid il-Ħamsin |
| 29 Sta. Marija Maddalena | Tnejn | 9 | S. M. Madalena |
| 30 S. Feliċ, Papa martri | Tlieta | 10 | S. Feliċ, Papa M. |
| 31 Sta. Anġla Merici | Erbgħa | 11 | Sta. Angela Merici |

| | ĠUNJU (30 Jum). | | ĠUNJU (jissokta) | |
|---|---|---|---|---|
| 1 | S. Pacifku, martri | Ħamis | 12 | |
| 2 | S.S. Pietru u Marcellina M. | Ġimgħa | 13 | |
| 3 | Sta. Klotilde, Reġina | Sibt | 14 | |
| 4 | Għid-il-Ħamsin | Ħadd | 15 | SS.ma Trinità |
| 5 | S. Bonifaċju, Isqof. | Tnejn | 16 | |
| 6 | S. Norbertu, Arċisqof | Tlieta | 17 | |
| 7 | | Erbgħa | 18 | |
| 8 | S. Medardu, Isqof | Ħamis | 19 | Santu Korp. |
| 9 | S. Primu u S. Feliċjanu M. | Ġimgħa | 20 | |
| 10 | Sta. Margarita, Reġina | Sibt | 21 | |
| 11 | Is-SS. Trinità | Ħadd | 22 | II Fuq Għid il-Ħamsin |
| 12 | S. Ġwann minn S.Fakonda | Tnejn | 23 | |
| 13 | S. Antnin ta' Padova | Tlieta | 24 | St. Antnin ta' Padova |
| 14 | S. Basilju, Isqof u Duttur | Erbgħa | 25 | |
| 15 | Santu Korp | Ħamis | 26 | |
| 16 | S. Franġisk Regis, Konf : | Ġimgħa | 27 | Il-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù |
| 17 | Sant'Alene, Verġni u M. | Sibt | 28 | |
| | | | | XAHAR IX-XEMX |
| 18 | II Fuq Għid il-Ħamsin | Ħadd | 1 | III fuq Għid il-Ħamsin |
| 19 | Sta. Ġuljana Falkonieri | Tnejn | 2 | Sta. Ġuljana Falkonieri |
| 20 | S. Silverju, Papa u M. | Tlieta | 3 | S. Silverju Papa u M. |
| 21 | S. Lwiġi Gonzaga | Erbgħa | 4 | S. Luiġi Gonzaga |
| 22 | S. Pawlinu, Isqof ta' Nola | Ħamis | 5 | S. Pawlinu, Isqof ta' Nola |
| 23 | Il-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù | Ġimgħa | 6 | Sta. Agrippina V. u M. |
| 24 | S. Ġwann Battista | Sibt | 7 | S. Ġwann Battista |
| 25 | III Fuq Għid-il-Ħamsin | Ħadd | 8 | IV fuq Għid il-Ħamsin |
| 26 | S. Ġwann u Pawlu, aħwa M. | Tnejn | 9 | S. Ġwann u Pawlu, aħwa M. |
| 27 | S. Ladislaw, Re tal-Ungaria | Tlieta | 10 | S. Ladislaw, Rè tal-Ungarija |
| 28 | S. Irenew, Isqof u M. | Erbgħa | 11 | S.Irenew,Isqof u M. |
| 29 | L-App. S. Pietru u S. Pawl | Ħamis | 12 | L-App: SS: Pietru Pawlu |
| 30 | It-Tifkira ta' S. Pawl | Ġimgħa | 13 | Tifkira ta' S. Pawl |

| LULJU (31 Jum). | | XAHAR IX-XEMX (jissokta) |
|---|---|---|
| 1 S. Gallo, Isqof ta' Klermont | Sibt | 14 S. Gallo Isqof ta' Klermont |
| 2 Żjara ta' M.V. lil S. Elizab: | Hadd | 15 Żjara ta' M. V. lil S. Elizabetta |
| 3 S. Eliodoru, Isqof. | Tnejn | 16 S. Eliodoru, Isqof |
| 4 S. Ulderiku, Isqof. | Tlieta | 17 S Ulderiku, Isqof |
| 5 S. Anton M. Zakkarija | Erbgħa | 18 S. Anton M. Zak: |
| 6 S. Lawrenz ta' Brindisi | Ħamis | 19 S. Lawrenz |
| 7 S. Trankwillinu, M. | Ġimgħa | 20 S. Trankwillinu M. |
| 8 Sta. Elizabetta, Regina | Sibt | 21 Sta. Elizab: Reġina |
| 9 V Fuq Għid il-Ħamsin | Ħadd | 22 VI fuq Għid il-Ħamsin |
| 10 Sta. Feliċita u 7 Uliedha | Tnejn | 23 Sta. Feliċita |
| 11 S. Piju I, Papa u M. | Tlieta | 24 S. Piju I, Papa u M. |
| 12 S. Ġwann Gwalbertu | Erbgħa | 25 S. Ġwann Gwalbertu |
| 13 S. Anakletu, Papa | Ħamis | 26 S. Anakletu, Papa |
| 14 S. Bonaventura, Kard: | Gimgħa | 27 S. Bonav: Kard: |
| 15 S. Enriku Imperatur | Sibt | 28 S. Enriku Imp: |
| | | LULJU |
| 16 Il-Madonna tal-Karmnu | Ħadd | 1 Tal-Karmnu |
| 17 S. Alesju, Konf: | Tnejn | 2 |
| 18 S. Kamillu de Lellis. | Tlieta | 3 |
| 19 S. Vincenzo di Pawla | Erbgħa | 4 |
| 20 S. Girolmu Emiljani | Ħamis | 5 |
| 21 Santa Prassede, V. | Ġimgħa | 6 |
| 22 Sta. Marija Maddalena | Sibt | 7 |
| 23 VII fuq Għid-il-Ħamsin | Ħadd | 8 VIII fuq Għid il-Ħamsin |
| 24 S. Kalċidonju M. | Tnejn | 9 S. Kalċidonju M. |
| 25 S. Ġakbu Appostlu | Tlieta | 10 S. Ġakbu Appostlu |
| 26 Sant'Anna | Erbgħa | 11 Sant'Anna |
| 27 S. Pantaljun, tabib | Ħamis | 12 |
| 28 S. Nazaru martri | Ġimgħa | 13 |
| 29 Sta. Marta verġni | Sibt | 14 |
| 30 VIII fuq Għid-il-Ħamsin | Ħadd | 15 IX fuq Għid il-Ħamsin |
| 31 S. Injazju ta' Lojola | Tnejn | 16 S. Injazju ta' Lojola |

*(Jissokta)*

# IL-HOLMA TA' ŻEŻINA

—Ara s-sa' Żeż! Hawn kellna niltaqgħu?

—X'tagħmel, kollox irid ikun —x'tarbija għandha Dolor, xi ħlewwa—mita missilha xoftejha bil-melħ il-Kappillan ħarġet ilsienha, bħallikieku għoġobha. L-anqas tniffset, ruħi binti, mita xarrbilha rasha.

—Dik x'parrina qalgħu? Dònnha minn wara l-muntanji, ħwejjiġha jibku fuqha. Basta bl-ingwanti tal-filé! Daħlet ġo l-abbati u waqqegħtlu l-ktieb u kienet għodda qalbet il-baċil. Tafha?

—Lè, qatt ma rajtha. Nistħajjilha tiġi mir-raġel għax dak mill-Imqabba.

—Tat-tajjeb donnu għax irmalha dar kif imiss. Ara x'purtieri tad-damask! Ara x'kull mera! kollox bla gost. Xorb u ħelu bil-ħala. Għamlu nifishom għall-ewwel tarbija.

—Ħu xi ħaġa għax tal-gabarré irid jilħaq ma' kullħadd.

—Nieħu erbgħa ħwejjeġ ħelwa għat-tfal. Qabel ħriġt qaltli Mananni tiegħi—ara li ġġibilna xi ħaġa mill-magħmudija la m'intix ser toħodna.

—Ħu, daqs kemm hawn ġid.

Is-sa' Żeż, li l-ħin kollu għajnejha jibru biex tara ġietx dik li riedet tiltaqa' magħha, qamet fuq qaddha u sejjħet lil waħda xbejba li kienet għadha kif daħlet fil-kamra.

—Ejja l'hawn Ros, hawn siġġu battal. Mela ma ġejtx il-Knisja?

—Lè, sa' Żeż, ġejt biex ma tgħidx Dolor li ridt nonqosha, għax ma nħobbx inħaddar jien.

—Għadek fl-aħjar tiegħek; imissek tidher kullimkien; ili ma narak u, għax tgħid, kont bix-xewqa li nkellmek.

—Jaqaw?

—Ma ridt xejn, imma ħlomt b'ommok ilu ftit u, billi naf kemm kont tħobbha, għedt ingħidlek biha. Ħu biskuttin sa dat-tant.

—Miskina ommi, m'jien xejn mingħajrha.

—Jien naf kemm kienet miġbuda lejk! oħroġ il-għaġeb, ħlomt li rajtha kollha daħkana fi ġnien kollu żahar u fjuri. Qaltli li xejn ma jonqosha, imma jien fil-għodu mort smajtilha quddiesa għal ruħha.

—Lili semmietni? staqsiet Rożina.

—Ma ridtx ingħidlek, iva semmietek. Resqet lejja bilħlewwa u qaltli: Kemm xtaqt li Rożina tiegħi ma tibqax weħidha. Il-ġuvni li q'ed iħares lejha igħodd għaliha.

—Rożina saret ħamra u ħasset rogħda f'qalbha. Li kienet taf sewwa xi trid minnha ommha! "Xi isem, xi ħiel fuq dan il-ġuvni xejn, sa' Żeż"?

—"Taf il-ħolm kif inhu, dak il-ħin tara kollox sewwa mbagħad mita tqum ma tqabbilx malajr dak li ħlomt. Deherli li semmiet sinjur tal-qorti, is-sur Ċekkinu, jew Peppinu, jew Ġanninu; ma niftakarx. Xi ħadd gwapp, għaref, li taf f'min kienet taħseb. Binti l-ħolm sħab tas-sajf, għajbur, jitrabba u jisfa fix-xejn f'radda ta' salib."

—"Dil-ħolma fiha x'taħseb, sa' Żeż."

—"Dil-ħolma iva. Twissija tal-omm mid-dinja l-oħra m'hix ħaġa taċ-ċajt. Nistħajjel li dejjaqtek, ġejt biex tagħmel żjara tal-ferħ. Jien ukoll, x'fettilli nitkellem? imma malli rajtek ma tanix li ma ngħidlekx."

—"Għamilt sewwa, sa' Żeż. Dak li għedtli jista' jkunli ta' ġid."

Malli marret id-dar Rożina nfexxet f'bikja. Tgħid tassew ommha ħallmitha lil Żeżina? Iltaqgħu f'magħmudija bla ebda ħsieb, lil Żeżina tafha fil-bogħod, saħħa, saluti. Fuq x'tagħmel hi u x'taħseb żgur ma taf xejn. Ħolmot b'ommha u l-ewwel darba li ltaqgħet magħha semmithielha. U dan il-ġuvni min sata' jkun li ommha riditha tieħu? Minn ftit ilhawn intebħet b'ġuvnott qsajjar dejjem bil-ġakketta sewda, bastun iswed bil-fidda, ingwanti mitnija jferfru f'idu x-xellugija; igħaddi sikwit minn qoddiem id-dar; xi ħadd qallha li jismu Ċekkinu, pirkratur, ikun il-qorti ta' fuq, mill-Birgu. Tgħid hu? Il-fellus daħal f'moħħha.

* * *

Is-sur Ċekkinu kien bil-qegħda quddiem ħafna karti mita s-sa' Żeż tektkitlu fuq il-bieba tal-offizzju u daħlet.

—"Hawn jien, sur Ċekkinu, dak li wegħedtek għamiltu, in-nasba saret, issa x-xlief f'idejk."

—"Mara int, ħa dawn ta' xogħolok"; u ħareġ mill-kaxxun żewġ nofs liriet. Kif ftehemna għandek ħames liri dak inhar li nidħol għarus u għaxar liri wara li ssir il-kitba taż-żwieġ. Kif ħaditha l-aħbar is-sinjurina?

—Infixlet daqsxejn, imma kollox mexa kif ridt jien.

U dak li nżara nibet. U Żeżina biż-żmien ħadet il-ħames liri u l-għaxar liri wkoll minn għand Ċekkinu. U fit-tieġ kienet mistiedna u l-ħaddara ma sabux xi jgħidu. Xorb u ħelu kien hemm bil-ħala, għax Rożina ma żżewġitx b'idha-f'idha, missierha kien ħalla l-ġid u minn għand zijietha wirtet ukoll.

U s-sur Ċekkinu ried li l-ħwejjeġ isiru sewwa; dak li żara nibet, ħalli kullħadd jifraħ. Żeżina ma baqgħetx ma rabtet f'maktur ftit ħelu għan-neputijiet bħal ma kienet għamlet fil-magħmudija ta' Dolor u naħseb li f'waqt it-trattament ftakret f'dik il-magħmudija fejn qalb il-biskuttini twieldet il-ħolma li seħħet. U l-għarajjes għammru u tammru, sew kif kienu jispiċċaw il-ħrejjef ta' niesna fl-imgħoddi.

T. Z.

# *BIBLIJOGRAFIJA*

**Ktieb il-Levîtku** maqlub mill-Lhudi u mfisser minn Dun P.P. Saydon 50 u VI faċċ. Malta *The Empire Press* 1930.

Wara li ħabbarna fi IL-MALTI ta' Ġunju li għadda KTIEB L-EŻODU, inħossuna mimlijin bil-ferħ li nistgħu issa wara ftit xhur inħabbru KTIEB IL-LEVÎTKU, li hu t-tielet fost il-Kotba Mqaddsa mfissrin bil-Malti minn Dun P. P. Saydon. U aktar u aktar nifirħu meta naraw il-lsien Malti u l-kitba Maltijja, mirqumin kif imiss, dejjem jixterdu u jitwettqu u jirbħu dejjem iżjed ħbieb Maltin u barranin.

Għalkemm dan il-ktieb ftit iżgħar mit-tnejn ta' qablu u l-biċċa l-kbira tiegħu kollha liġijiet fuq is-sagrifiċċi u fuq il-qdusija tal-ħajja, fih ukoll ħlewwa x'ittiegħem. Aqra fost l-oħrajn il-biċċa **26**, 1-45 u tara l-ġmiel tal-kelma Maltija u l-qawwa tagħha meta tkun maħduma kif imiss. Kemm kienet titlef li kieku nkitbet bħalma jikteb min mhux imħarreġ biż-żejjed fil-kitba Maltijja! Qabbel il-vers 8 kif inhu miktub: *Iħarrbu ħamsa minnkom mija, u mija minnkom għaxart elef, u jaqgħu l-għedewwa tagħkom quddiemkom bis-sejf*, u kif aktarx kien jikteb ħaddieħor: *Ħamsa minnkom iħarrbu mija, u mija minnkom għaxart elef, u l-għedewwa tagħkom jaqgħu quddiemkom bis-sejf*, u tara liema hu l-aħjar.

Il-qari tal-Kotba Mqaddsa dejjem kellu qawwa kbira fuq il-kitba ta' kull żmien, u għalhekk aħna naħsbu u għandna qalbna qawwija li l-Kotba Mqaddsa mfissrin bil-Malti minn Dun P.P. Saydon jiswew biex jatu xejra tajba, xejra qawwija lill-kitba Maltijja. Għax fl-aħħar mill-aħħar mhumiex dawn il-kotba ħlief tifsir tal-lhudi, li hu lsien semi; u mill-ebda lsien ieħor, li mhux ilsien semi, ma jista' l-Malti jieħu xejra tajba. U għalhekk inħeġġu l-kittieba kollha tal-Malti biex jitħarrġu kemm jifilħu fil-qari ta' dawn il-kotba biex aktar safja u aktar mirquma tkun il-kitba tagħhom.

Smajna li ma jdumx ma joħroġ ir-raba' ktieb. Insellmulu minn issa, u nixtiquh f'idejna u f'idejn kullħadd mill-aktar fis.

L.

**Stenografija Maltija.** Alf. Nicholas 56 faċċ. Il-Cajr (Eġittu) Stamperija Albertini.

Għad li, kif fi ħwejjeġ oħra, dejjem xi ftit wara nazzjonijiet oħra, wasalna aħna wkoll biex ikollna Stenografija Maltija.

Dan il-ktieb jagħmel ġieh ħafna lill-kittieb tiegħu għax nistgħu nobsru x'xogħol swielu biex ifassal Stenografija barranija għall-Malti. Iżda l-ħila u l-ħeġġa tal-ħabib u kittieb tagħna, is-sur Alf. Nicholas, rebħet kull xkiel li qatt sata' jsib fih. Dal-ktieb ukoll jagħmel ġieh lill-Gvern ta' Malta li ħareġ l-flus għalih.

L-ortografija ta' dan il-ktieb, tajba. L-alfabet dak li juża l-Gvern.

S.

**Il-Beatu Ġüanni Bosco.** Chelmtejn fuk il-ħajja — minn Dun Pietru Paul Grima. 112 faċċ. bl-istampi. Malta, Stamperija tas-Salesjani.

Is-Sur Fons M. Galea ma jixbax jatina kotba sbieħ u ta' tagħlim u dan hu wieħed minn l-aħjar li qiegħed joħroġ. L-editur tal-*Mija u ħamsin Ktieb* ma jgħejja qatt. Megħjun mill-ħabrieki Dun P. Paul Grima, dejjem igħani d-damma tal-Kotba Maltin. Alla miegħu.

Dan il-ktieb li għandna f'idejna jgħodd għall kullħadd, stampat sabiħ, imissu jinħataf.

Xtaqna ħafna li kien miktub b'ortografija aħjar.

S.

Il-Concors tal-Poeżijiet tal-Pronostcu 1931. G. Muscat.

Rajna u qrajna l-poeżijiet kollha, ippremjati u lê u nistgħu ngħidu li wieħed kien jistenna xi ħaġa aħjar.

Hemm tajjeb li l-poeżijiet huma mżewqa u hemm ħafna xorta ta' versi. Idejiet ġodda huma ftit u xejn nieqsa u rajna li ħafna kittieba mhumiex ħlief jikkupjaw lil Psaila, lil Briffa u lil Delia. Kellna bżonn ftit ta' idejiet ġodda; milli jidher il-kittieba huma neqsin mill-qari: jekk ma taqrax u ma tosservax dak li taqra u dak li tara ma jiġukx idejiet sbieħ.

Milli rajna mill-poeżijiet mhux ippremjati li ġew stampati f'dan il-konkors, ikollok tgħid li l-kittieba jibqgħu wisq fuq il-widna xħin jiktbu l-versi, imbagħad xejn ma joqogħdu għar regola tal-prosodija u jqegħdu l-versi tagħhom kif irid l-aċċent. B'hekk ħafna poeżijiet li jkun fihom xi ħjiel jew sura sabiħa jiġu skartati. Ingħidu xi ħaġa fuq l-ippremjati:

1. *Il-Għid tal-Maħfra* ta' Ros. Briffa — poeżija oriġinali għal kollox; versi tajba, metru floku.
2. *Rajtek... ja warda!* ta' Nicola Biancardi—għad li din il-poeżija ma għandhiex idejiet għal kollox originali iżda fiha versi tajba ħafna u mexxejja mill-iżjed.
3. *Hlomtok!!!* ta' Ibnek.—Fakkritna f'*Tifkira* ta' Ohtok stampata fil-Pronostku tas-sena l-oħra. Il-versi huma mill-aħjar li jistgħu jkunu, iżda dejjem l-istess ħajja....
4. *Lilek* ta' Arthur Vassallo—Imqassma ħelu ħafna; idea ftit u xejn imqansħa, il-versi mhux mill-aħjar in qwantu għal-mixi tagħhom. Għandha minn għanja għal-mużika.
5. *Ballata* ta' "Maleth" Għad li t-taqsim u l-idea kollha hi ikkupjata fuq il-Ballata ta' Rusarju Briffa, jidher li l-kittieb għandu namur u ħeġġa għall-poeżija.
6. *Faxx Nemel* ta' Qamar Ġdid--Tidher xi ftit oriġinali. Stil deskrittiv. Il-versi jidhru ta' xi ħadd li għadu jibda.

Nifirħu li s-sitt poeżijiet ippremjati mhux biss kienu miktuba bl-ortografija tal-Għaqda, iżda ma kien fihom ebda żball.

L-oħrajn ukoll kwasi kollha miktubin biha, iżda hawnhekk irridu nfakkru lill-kittieba li biex tikteb bl-ortografija tal-Għaqda mhux biż-żejjed li tikteb bl-alfabett tal-Għaqda jigifieri il-Q flok il-K u l-K flok iċ-C eċċ. L-aqwa, fl-ortografija, hu li tikteb fuq ir-*regoli tal-Grammatika*.

Fost dawk li mhumiex ippremjati rajna xi wħud ta' kittieba ta' min jagħmillhom il-qalb, u nittamaw li d-ditta Muscat, li b'dan il-konkors qegħda tagħmel ħafna ġid lill-Letteratura Maltija, tissoktah anzi tkabbru iżjed.

**Foros**

# IL-WERREJ TAS-SITT SENA


| | | faċċata |
|---|---|---|
| Il-Poeżija Maltija fl-Iskejjel aħjar minn kull waħda oħra | | 3-33 |
| Frak | R.M.B. | 6 |
| Ċensu Mifsud Bonnici | | 7 |
| Tantum Ergo | V. Mifsud Bonnici | 9 |
| Lil Kewkba Feġġa | ,, | 11 |
| Teftif | Sajdun | 12 |
| Is-Sengħa tal-Kitba Maltija | ,, | 13 |
| Għajjiena le xebgħana | Ros. Briffa | 16 |
| It-Torok f'Malta fi żmien D'Omedes | T.Z. | 17 |
| Il-Bniedem Neolitiku u r-Reliġjon | E.B.V. | 20 |
| Sliem | Dun Karm | 22 |
| F'art Twelid Abram | Kan. G.M. Farrugia | 23 |
| Kewkba | Dun Karm | 26 |
| I jew IE | S. | 26 |
| Nofs ta' Kelma | A.C. | 28 |
| Id-Daħla ġol-Birgu tal-Gran Mastri ta' Malta | G. Gatt | 30-49-85 |
| Il-Port ta' Malta | Gio. Ant. Vassallo | frontispizju |
| Li *Status Constructus* fil-Malti | Sajdun | 37 |
| San Pawl Milqgħi | T.Z. | 39 |
| Waħda biss | Dun Karm | 42 |
| Il-Malti u l-Għarbi tal-Palestina | L.C. | 43 |
| Il-Għanja Maltija | Dun Karm | 46 |
| Zewġ ixirka u ħbieb | T.Z. | 52 |
| Tliet Għanjiet | Dun Karm | 55 |
| Biblijografija | | 56-95-126 |
| Eżami tal-Malti | S. | 62 |
| Għaliex ma jitgħallmux il-Malti | | 65 |
| L-Imsella ta' Kleopatra | T.Z. | 67 |
| Is-Seba' Reqdin | Sajdun | 69 |
| Il-Kalendarju l-Ġdid Internazzjonali | G. Grixti | 76-121 |
| Pina | T.Z. | 82 |
| *Spes Ultima* | Dun Karm | 90 |
| Kelmtejn fuq it-Tħejjija għall-Assedju l-Kbir | T.Z. | 92 |

| | | faċċata |
|---|---|---|
| Għadna Mexjin . . . . . . . | | 97 |
| Indiema . . . . . . . . | **Dun Karm** | 98 |
| Il-Kalendarju għat-taqsim taż-żmien . . | **T.Z.** | 99 |
| Ktieb ieħor ta' Dr. L. Mifsud Tommasi . . | **Dun Karm** | 102 |
| Tifsir il-kliem fil-Kotba Mqaddsa bil-Malti . | **Sajdun** | 107 |
| Bieżla u għaqlija . . . . . . . | **T.Z.** | 109 |
| Il-Isien Malti u l-Maltin . . . . . | **A. M. Galea** | 111 |
| Il-"Floating Dock" . . . . . | **G. Darmanin Demajo** | 113 |
| Is-Snajja' Maltin fl-ewwel snin tal-Ingliżi f'Malta | **G. Gatt** | 116 |
| Il-Ħolma ta' Zeżina . . . . . . | **T.Z.** | 124 |

# IL-KAMRA TAL-QARI

# FID-DAR TAL-ĦADDIEMA, L-ISLA.

Fis-6 ta' Settembru li għadda fid-Dar tal-Ħaddiema, l-Isla, infetħet Kamra tal-Qari għall-Imseħbin ta' dik ix-xirka. Fost il-mistidnin, anzi minn tal-ewwel, kien il-Kumitat tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti.

Il-ħsieb tal-ftuħ ta' din il-Kamra, bħala Kamra tal-Qari, hu biż-żejjed sabiħ u ta' min ifaħħru, iżda wisq iżjed il-għaliex din ix-Xirka, biex turi li din hija tassew Kamra tal-Qari għall-Maltin, għoġobha żżejjinha b'ritratti kbar ta' Kittieba tal-Malti, fosthom minn tal-ewwel tgħaxxaqna naraw il-fotografja tal-mejjet President li kellna, il-magħruf Ġużè Muscat Azzopardi, u ta' oħrajn li kienu minn tal-ewwel fil-Għaqda, bħal Pawlu Bellanti, Sir Temi Zammit, Dun Karm Psaila, Ġanni Vassallo, Dun P.P. Saydon u Ninu Cremona, u, imbagħad, għalkemm ġewwa gwarniċa ftit iżgħar, ix-xbieha ta' x'uħud milli kabbru it-tagħlim, il-ġmiel u l-ġieħ tal-Lsien Malti, bħal Gio. Antonio Vassallo u Napuljun Tagliaferro.

Qabel ma wasal il-ħin biex tinfetaħ il-Kamra, il-mistednin ġew milqugħin fis-Sala ta' fuq fejn l-ewwel ma tkellem kien il-President tad-Dar is-sur J. Marks.

Wara, għamel diskors sabiħ, u fil-qosor, is-sur Gino Muscat Azzopardi.

Ħadna gost f'għeluq id-diskors nisimgħu minn fomm Gino wieħed mill-isbaħ sunetti ta' missieru, sunett li l-missier kien kiteb lil Ibnu dwar it-tagħlim u l-għożża tal-lsien Malti.

Wara, mistieden mill-President tad-Dar, tkellem is-sur Nin Cremona. Erba' kelmiet sbieħ li bihom għalaq din il-laqgħa u imbagħad il-Kamra tal-Qari Malti ġiet miftuħa.

F'din il-Kamra, nistgħu ngħidu, hemm ir-ritratti tal-aqwa Kittieba u studenti magħrufa tal-Malti tal-aħħar tliet sekoli. Fejn hemm nieqes xi wieħed, fosthom ta' Vassalli, il-ħtija mhix ta' min ġabarhom, iżda taż-żminijiet tal-imgħoddi li ma għarfux iħullulna tifkira tagħhom.

Ftit jiem wara, is-sur F.S. Caruana, li hu s-Segretarju tal-Għaqda, flimkien mas-sur Ros. Briffa B.Sc, membru tal-Kumitat tagħna, għamlu żjara lil din il-Kamra fejn ġew milqu-

għin mill-iżjedu fejn bħala tifkira ħallew xi kotba tal-Għaqda għal-Librerja tal-Kamra tal-Qari Malti.

Nittamaw li oħrajn fost dawk li għandhom għal qalbhom il-ġid, il-wetqa u l-ġieħ tal-Lsien Malti u ta' din ix-Xirka qalbiena jitħajru jatu xi Kotba Maltin li għalihom huma żejda flok ma jħalluhom jintemmu bla ebda fejda.

Rip.

# INWISSU

Bħal ma tafu din is-sena ħriġna edizzjoni irħisa tal-Malti. Dan għalfejn għamilnieh? Dana għamilnieh sabiex "IL-MALTI" tagħna jasal f'idejn kullħadd u kullħadd ikun jaf x'togħma fih. Ħafna xtrawha din l-edizzjoni rħisa tal-MALTI u b'hekk saru jafu x'xorta ta' artikoli li jkun fih. Wara dan in-numru, inwaqqfu din l-edizzjoni b'tama qawwija li dawk li f'din is-sena xtrawha jissieħbu fil-MALTI u b'hekk ikunu qegħdin jitpaxxew huma b'letteratura ta' fejda u jagħmlu l-qalb lilna li nissuktaw naħdmu għall-ġid u għall-ġieħ tal-għażiż ilsien tagħna.

Mela INT li qiegħed taqra dan u għad ma intix imsieħeb fil-MALTI, għax ma tissieħebx? Għal *xelin u nofs* fis-sena?

EMPIRE PRESS

Direttur : Mons. Dun KARM PSAILA

---

Ħlas 1/6 fis-sena. Ktieb wieħed -/6

Kull xorta ta' kitba, ħlas, jew ħwejjeġ oħra li għandhom x'jaqsmu mal-MALTI, jinbagħtu lil F. S. Caruana, "Empire Press" — Valletta.